**Qed tfittex**

Dejjem hekk nafek
Tfittex il-hena,
Lil qalbek timla’
Twarbilha x-xena;

Ta' wisq tbatija
Ta' l-intertqa ruħ,
Fejn l-għadu rifed
Paxxut żaqqu 'l fuq.

Tibżax, ittama
Iz-żmien jinbidel,
L-għadu jinħaqar
Fik joħroġ 't-tifel.

Li jemmen b'qalbu
L-ħajja sabiħa,
Għadek tissielet
Toħroħ rebbieħa.

Tħabbattlek qegħda
Il-ħelwa mħabba,
Agħtiha widen
Erġa' ismagħha.

Qed titbissimlek
Tiktiblek versi,
Għemejjel safja
Le, mhux perversi.

Qegħda ixxommok
Bosta tapprezzak,
Tqatta' ħin miegħek
U tikkarezzak.

Issa intelaq
F'idejn il-Mulej,
Lejh iwa ħares
F'kull waqt li għaddej.

U jipprovdilek
Bniedma intiża,
Qegħdha thabbatlek
Hawn hi s-sorpriża.

Patri Mario Attard OFM Cap
13 ta' Novembru 2023

Ibierkek Alla li jista' kollox fl-Isem tal-Missier, tal-Iben u tal-Ispirtu s-Santu. Amen.